

NOTA TA' GWIDA NUMRU 7

Suġġett: It-tifsira ta' "kull perjodu ta' 24 siegħa"

Artikolu: 8(2) u (5) tar- Regolament (KE) Nru 561/2006

Metodu li għandu jiġi segwit:

F'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament perijodu ġdid ta' mistrieħ ta' kuljum ser jittieħed f'kull perjodu ta' 24 siegħa wara t-tmiem ta' perjodu ta' mistrieħ preċedenti (mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa regolari jew imnaqqas). Il-perjodu ta' 24 siegħa li jmiss jibda minn tmiem ta' perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa meħud. It-terminu "kwalifikanti" għandu jinftehem bħala perjodu ta' mistrieħ fejn tul minimu legali jitwettaq fi żmien perjodu ta' 24 siegħa wara t-tmiem ta' mistrieħ kwalifikanti preċedenti. Il-mistrieħ kwalifikanti jista' tintemm wara 24 siegħa mit-tmiem tal-perijodu ta' mistrieħ preċedenti jekk it-tul totali tiegħu jkun aktar mill-minimu meħtieġ mil-leġiżlazzjoni.

Biex tiġi stabbilita l-konformità ma' dispożizzjonijiet dwar il-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum l-inforzaturi għandhom jeżaminaw il-perjodi kollha ta' 24 siegħa wara mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa.

F'każijiet fejn l-inforzaturi jgħabtu wiċċhom ma' perjodi ta' attività wara perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, li matulu s-sewwieqa ma jkunux wettqu perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum, huwa rrakkomandat li l-inforzaturi:

1. jaqsmu l-perjodi ta' attività msemmija hawn fuq f'perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa li jibda minn tmiem l-aħħar mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa

kif ukoll

2. japplikaw ir-regoli dwar perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum lil kull wieħed minn dawn il-perjodi ta' referenza ta' 24 siegħa.


Fejn it-tmiem ta' tali perjodu ta' 24 siegħa jaqa' fil-perjodu ta' mistrieħ li jkun għaddej, li ma jkunx mistrieħ kwalifikanti peress li t-tul minimu legali tiegħu jkun għadu ma seħx fi żmien il-perjodu ta' 24 siegħa, iżda li jkompli fil-perjodu li jmiss ta' 24 siegħa u jilħaq tul minimu mitlub, xi żmien wara, allura l-kalkolu ta' perjodu ta' 24 siegħa li jmiss jibda meta s-sewwieq ikun temm il-perjodu ta' mistrieħ tiegħu ta' tul totali ta' mill-inqas 9/11 siegħa jew aktar u jkun reġa jibda perjodu ta' xogħol ta' kuljum tiegħu.

Meta perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa jiġi identifikat, il-valutazzjoni ta' perjodu ta' 24 siegħa li jmiss jibda fi tmiem dan il-perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa (minn tmiem il-perjodu ta' mistrieħ rilevanti jekk il-bqija li jittieħed ikun fil-fatt aktar mill-perjodu ta' żmien minimu meħtieġ).

Dan il-metodu ta' kalkolu għandu jippermetti lill-inforzaturi li jidentifikaw u jissanzjonaw kull ksur ta' dispożizzjoni ta' mistrieħ ta' kuljum imwettaq f'kull perjodu ta' 24 siegħa.

Il-metodu ta' kalkolu analogu għandu japplika għal sewwieqa involuti f'sewqan b'aktar minn sewwieq wieħed, u l-perjodu ta' referenza ta' 24 siegħa għandu jinbidel b'perjodu ta' 30 siegħa kif stipulat fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament.


LEĠIŻLAZZJONI SOĊJALI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, id- Direttiva 2006/22/KE, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014



Skont GN 7: F'każijiet fejn l-infurzaturi jħabbtu wiċċhom ma' perjodi ta' attività wara perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, li matulhom is-sewwieqa ma jkunux wettqu perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum, huwa rakkomandat li l-infurzaturi:

1. jaqsmu l-perjodi ta' attività msemmija hawn fuq f'perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa li jibdw minn tmiem l-aħħar mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa kif ukoll
2. japplikaw ir-regoli dwar perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum lil kull wieħed minn dawn il-perjodi ta' referenza ta' 24 siegħa.

Il-perjodu ta' 24 siegħa l-ġdid jibda f'24:00



Skont GN 7: F'każijiet fejn l-infurzaturi jħabbtu wiċċhom ma' perjodi ta' attività wara perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa, li matulhom is-sewwieqa ma jkunux wettqu perjodu ta' mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum, huwa rrakkomandat li l-infurzaturi:


1. jaqsmu l-perjodi ta' attività msemmija hawn fuq f'perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa li jibdew minn tmiem l-aħħar mistrieħ kwalifikanti ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa kif ukoll

2. japplikaw ir-regoli dwar perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum lil kull wieħed minn dawn il-perjodi ta' referenza ta' 24 siegħa.

It-tmiem ta' perjodu ta' 24 siegħa jaqa' f'perjodu ta' mistrieħ li għaddej, li ma jkunx mistrieħ kwalifikanti peress li t-tul minimu legali tiegħu ma jkunx għadu seħħ fil-perjodu ta' 24 siegħa. Barra minn hekk mhuwiex mistrieħ ta' kuljum ta' tul meħtieġ. Għalhekk, il-perjodu ta' 24 siegħa l-ġdid jibda f'24:00

LEĠIŻLAZZJONI SOĊJALI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, id- Direttiva 2006/22/KE, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014


Eżempju 3:



Skont GN 7: it-tmiem ta' perjodu ta' 24 siegħa jaqa' fil-perjodu ta' mistrieħ li jkun għaddej, li ma jkunx mistrieħ kwalifikanti peress li t-tul minimu legali tiegħu jkun għadu ma seħx fi żmien il-perjodu ta' 24 siegħa, iżda li jkompli fil-perjodu li jmiss ta' 24 siegħa u li jilħaq it-tul minimu mitlub, xi żmien wara, allura l-kalkolu ta' perjodu ta' 24 siegħa li jmiss jibda meta s-sewwieq ikun temm il-perjodu ta' mistrieħ tiegħu ta' tul totali ta' mill-inqas 9/11 siegħa jew aktar u jkun reġa jibda perjodu ta' xogħol ta' kuljum tiegħu. Għalhekk, il-perjodu ta' 24 siegħa l-ġdid jibda f'24:00


LEĠIŻLAZZJONI SOĊJALI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, id- Direttiva 2006/22/KE, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014

Eżempju 4:



LEĠIŻLAZZJONI SOĊJALI GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ
Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, id- Direttiva 2006/22/KE, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014

Eżempju 5: Sewqan b'aktar minn sewwieq wieħed



L-eżempji ta' hawn fuq huma maħsuba biss biex juru kif **il-ksur ta' dispożizzjoni dwar mistrieħ ta' kuljum** jista' jiġi identifikat abbażi ta' perjodu ta' referenza ta' 24 siegħa.